MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 467/2005

**Gatt Charles**

**Vs**

**Borg Antonia**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fl-14 ta' Frar, 2005 permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob illi l-konvenuta tigi kkundannata tihallas is-somma ta' sitt mitt lira (Lm 600.00) rapprezentanti f'self brevi mano illi kienu nghatawlha f'diversi okkazzjonijiet, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet mitluba kontra l-istess konvenuta.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba kontra taghha.

It-Tribunal, sema' u nnota x-xhieda moghtija llum mill-avukat Zrinzo Azzopardi ghan-nom tal-attur fejn gie

kkonfermat illi l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum u invista tal-fatt illi ma saru ebda pagamenti mill-konvenuta.

It-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwnetament ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta Antonia Borg thallas lill-attur is-somma mitluba ta’ sitt mitt lira (Lm 600.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza sopportati mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------